# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 3 ta' Lulju, 2017.**

**Rikors Numru 401/2014 CSH**

**Sara Grech Ltd (C-7360)**

**Vs**

**Kevin De Leonardo (I.D. 268472M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar il-11 ta' Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lura l-ammont ta' ghaxart elef, tmien mija u sebgha u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€10,837.99) rapprezentanti ammont imhallas akkont mis-socjeta' esponenti lill-intimat in konnessjoni mal-kuntratt ta' servizz li kellu l-intimat mas-socjeta' esponenti (u senjatament kuntratt datat 6 ta' Frar 2013 [anness u mmarkat Dok A] u li permezz tieghu l-intimat, bhala liberu professjonist, obbliga ruhu li jippresta lis-socjeta' attrici numru ta' servizzi inkluz dak li jissollecita u jintroduci lis-socjeta' esponenti persuni interessati li juzaw is-servizzi ta' senserija ta' l-istess socjeta' esponenti ghal liema prestazzjoni kien jircievi ammont mensili bhala

akkont tal-kummissjonijiet li kien ser jircievi mis-socjeta' attrici galadarba klijent li introduca jixtri, jbiegh jew jikri proprjeta' immobbli) u liema kuntratt gie tterminat mill-istess intimat nhar l-4 ta' Lulju 2014, bi ksur tal-istess kuntratt. Illi peress li l-ammont surreferit kien thallas akkont ta' kumpens li ghalih seta' kien ikun intitolat l-intimat li kieku ma qabadx u ttermina l-kuntratt, dana ghandu jintradd lura. Illi mhux talli l-intimat ma rrenda l-ebda servizz lis-socjeta' esponenti, talli kkagunalha danni ingenti u ghalhekk is-socjeta' esponenti qieghda tirriserva li tippromwovi kawza ghall-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni fis-sede opportuna.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri legali tal-24 ta' Lulju, 2014 u 27 ta' Awwissu, 2014 kopji annessi u immarkati Dok B u Dok C rispettivament, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-12 ta' Jannar, 2015 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda peress li l-eccipjenti m'ghandu jaghti ebda flus lill-istess socjeta' kif qed jigi allegat u inoltre huwa ma kiser ebda disposizzjoni mil-kuntratt ta' impieg tieghu kif qed jigi allegat u kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' dawna l-proceduri. Konsegwentement it-talba tal-attrici kif inghad ghandha tigi michuda.*

*2.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*3.Bl-ispejjez."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici Sara Grech Limited li gietipprezentata fil-15 ta' April 2015 li permezz taghha pprezentat tliet (3) affidavits cioe' ta' Sara Grech, ta' Marianne Grima u ta' Vincent Curmi.

Rat l-affidavit ta' **Sara Tabone Grech** fejn bil-gurament taghha kkonfermat li hi sid, direttur u Chief Executive Officer tas-socjeta' Sara Grech Limited li topera f'Malta u Ghawdex taht l-isem ta' Engel & Volkers Sara Grech.

Sara Grech Limited hija wahda mill-agenziji immobilarji ewlenin f'Malta u ghaldaqstant ghandha numru kbir ta' Agenti immobilarji li jirrapprezentawha u li huma ngaggati maghha bhala liberi professjonisti permezz ta' kuntratti msejha Sub-Agency Agreements fejn dawn l-individwi jobbligaw ruhhom li jipprestaw lil Sarah Grech Limited numru ta' servizzi inkluz dak li jissolecitaw u jintroducu lil Sara Grech Ltd, persuni interessati li juzaw is-servizzi ta' senserija ta' Sara Grech Ltd.

Ticcara illi dawn l-individwi ma humiex impjegati mas-socjeta' Sara Grech Limited b'kuntratt tax-xoghol izda, kif inhi l-konswetudini f'dan is-settur, l-agenti huma kuntratturi ndipendenti li dahlu f'arrangamenti partikolari mas-socjeta' Sara Grech Limited bhala *self employed*.

L-istruttura tas-socjeta' Sara Grech hija mibnija b'mod illi dawn is-Sub Agents huma mbaghad migbura f'*teams* differenti taht id-direzzjoni u responsibilita' ta' *Team Leaders*.

Is-*Sub Agents* u t-*Team Leaders* jigu renumerati b'mod differenti.

*Sub-Agents* huma ntitolati ghall-kummissjoni kkalkolata bhala percentwali tal-kummissjoni netta li tircievi Sara Grech Limited meta jigi konkluz mandat ma' klijent li jkun introduca dak is-Sub Agent partikolari.

*Team Leader* huwa ntitlolat ghall-percentwali tal-kummissjonijiet li huma ntitolati ghalihom is-*Sub Agents* li jiffurmaw parti mit-*Team* ta' dak it-*Team Leader* bil-hlas jigi affettwat galadarba jigi ffirmat il-kuntratt rispettiv u tithallas il-kummissjoni dovuta lil Sara Grech Limited. Biss pero', ghal ragunijiet ovvji ta' *cash flow* (inkella l-pagamenti isiru b'mod irregolari), it-*Team Leader* jircievi mis-socjeta' Sara Grech Limited, bhala akkont, ammont fiss fix-xahar. Fl-istess hin, isir ezercizzju biex tigi kkalkolata l-kumissjoni verament dovuta lit-*Team Leader* a bazi ta' dawk il-kuntratti u atti pubblici li jkunu gew konkluzi. Hekk, jekk l-ammont imhallas bhala akkont jeccedi l-ammont verament dovut, it-*Team Leader* jkun obbligat illi jirrifondi d-differenza.

Parti mix-xoghol tal-*Group Administrator* ta' Sara Grech Limited, li hi Marianne Grima hu li tikkordina s-*Sub Agents* u t-*Team Leaders*, u tiehu hsieb illi jinzamm kont ta' dawk il-kuntratti kollha li jkunu gew konkluzi mill-klijenti ta' Sara Grech Limited sabiex a bazi ta' dawk il-kuntratti jithallsu s-*Sub Agents* kif ukoll it-*Team Leader* responsabbli minnhom.

Tipikament, meta *Sub-Agent* jigi nfurmat minn klijent tieghu jew taghha illi ser ibiegh jixtri xi propjeta' li tifforma parti mid-*data base* ta' proprjetajiet ta' Engel & Volkers Sara, rizultat tas-senserija tieghu jew taghha, is-*Sub Agent* minnufih jinforma lill-*Group Administrator* bil-fatt li sar il-ftehim kif ukoll id-data miftehma ghall-konvenju jew il-kuntratt. Il-*Group Administrator* imbghad tiehu hsieb illi tkun prezenti ghall-firma tal-kuntratti rispettivi u, wara li tiehu nota ta' liema kuntratti gew konkluzi b'rizultat tas-senserija ta' liema *Sub-Agent,* tnizzel din l-informazzjoni f'folja tal-Microsoft Excel li imbaghad tintbaghat lid-ditta tal-*accountancy* u revizuri VCA *Certified Public Accountants* sabiex dawn, tramite il-kumpanija taghhom CAF Services Ltd, jikkalkolaw ir-remumerazzjoni dovuta lis-*Sub Agents* u t-*Team Leaders* skond l-arrangamenti milhuqa.

Is-Sur Kevin De Leonardo hu wiehed mis-*Sub Agents* li mieghu is-socjeta' kellha arrangement kif spjegat aktar kmieni li kien ilu marbut mas-socjeta' Sara Grech Limited ghal numru ta' snin-precizament mis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003).

Ghal numru ta' snin, l-arrangament kien wiehed verbali izda fis-sitta (6) ta' Frar 2013 giet iffirmata l-iskrittura privata annessa ma' dan l-affidavit u mmarkata bhala "Dok SG 01" wara ri-organnizzazzjoni tal-amministrazzjoni interna tal-kumpanija.

Tiftakar illi fis-Sajf tas-sena elfejn u tlettax (2013), is-Sur Leonardo avvicinha biex isir *Team Leader*, hu sostna li kellu l-esperjenza necessarja ghaliex kien ilu maghhom ghal aktar minn ghaxar (10) snin. Ma sabet l-ebda oggezzjoni ghal dan - anzi, kellha fiducja fih u

emmnet illi kellu l-kapacita' li jkun *manager* tajjeb. Ghaldaqstant accettat minnufih.

Fil-fatt mill-ewwel (1) ta'Awwissu 2013, s-Sur De Leonardo beda jigi kkunsidrat bhala *Team Leader*. Ghaldaqstant, u peress li r-responsabilitajiet tieghu nbidlu u ma baqghux ta' Sub Agent, huwa beda jircievi, **bhala akkont**, l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) fix-xahar. Fl-istess hin u kif spjegat aktar qabel, kien qed isir kalkolu tal-kummissjonijiet li kienu qed jaqilghu s-*Sub-Agents* li kien responsabbli minnhom s-Sur De leonardo bhala *Team Leader* skond il-kuntratti li jkunu gew iffirmati mill-klijenti ta' Sara Grech Limited. Kif diga' qalet dan kien bil-hsieb illi jekk l-ammont dovut jeccedi l-ammont imhallas bhala akkont, is-socjeta' Sara Grech Limited thallas id-differenza; bl-istess ragunament u vici versa, il-ftehim kien illi jekk l-ammont imhallas bhala akkont jeccedi l-ammont verament dovut, is-Sur De Leonardo jirrifondi d-differenza.

Dan l-arrangament baqa' sejjer, minghajr l-ebda protesta jew sinjal ta' disgwid min-naha tas-Sur De Leonardo u nfurmatu li d-distakk bejn l-akkont mensili ta' tlett elef Ewro (€3,000) u dak verament dovut lilu skond il-kalkoli taghhom kien tant kbir li wisq probabbli kien ser jispicca f'posizzjoni difficli li jkollu jirritorna somma ta' flus sostanzjali lil Sara Grech Limited meta l-ammonti jigu impacija. Ghalhekk (u fl-interess tas-Sur De Leonardo fl-ahhar mill-ahhar), ipproponiet u s-Sur De Leonardo accetta minghajr tlaqliq, illi l-ammont mensili li jithalla lilu bhala akkont jinzel ghal elf u hames mitt Ewro (€1,500).

Tenniet li fl-ebda mument is-Sur De Leonardo ma wera xi disapprovazzjoni jew disgwid fuq dan l-arrangament; filfatt, dan l-arrangement tkompla sa meta, ghodwa wahda, s-Sur De Leonardo dahal fl-ufficcju tieghu u nfurmaha li kien ser jittermina kull arrangement li kellu ma' Sara Grech Limited. Dan kien nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 2014. Din kienet decizjoni li hasditha.

Ftit wara rrizultalha illi dakinhar stess li hu nfurmaha illi ttermina l-ftehim tieghu maghhom ftit sieghat biss wara li s-Sur De Leonardo gie ghandha biex infurmaha bid-decizjoni tieghu (u ghaldaqstant f'mument meta ma kienx ghadu qieghed jirrapprezenta lil Sara Grech Limited) huwa akkumpanja klijent ta' Sara Grech Limited, l-avukat Dottor Joseph Chetcuti, fuq zjara lil zewg proprjetajiet (wahda fil-Belt Valletta bin-numru mija u erbatax (114) fi Triq San Kristofru u l-ohra fil-Belt Vittoriosa bin-numri tlieta u erbghin (43) u erbgha u erbghin (44) fi Triq ic-Centinarju Tal-Parrocca) li kienu fuq id-database ta' Sara Grech Limited.

Kompla jirrizultalha, wara li kellmet lill-Avukat Dottor Joseph Chetcuti, li l-appuntamenti kienu filfatt irrangati meta hu kien ghadu marbut kuntrattwalment ma' Sara Grech Limited. Dan bi ksur ta' kull ftehim li qatt kellhom partikolarment bi ksur ta' obbligi ta' kunfidenzjalita' u ta' *non-disclosure*. Inoltre, s-Sur De Leonardo uza informazzjoni propjetarja ta' Sara Grech Limited ghal skop ta' lukru personali.

Barra minn hekk, kjarament mhux b'koincidenza, beda jirreklama propjetajiet f'zona partikolari ta' Malta ftit tal-granet wara li ttermina l-ftehim tieghu ma' Sara Grech Limited, liema proprjetajiet kienu

jirriflettu dik il-lista ta' klijenti potenzjali (propjeta' ta' Sara Grech Limited) li ghaliha kellu access is-Sur De Leonardo waqt iz-zmien li ghamel marbut kuntrattwalment ma' Sara Grech Limited.

Ghaldaqstant, minnufih talbet lill-avukat Dottor David Zahra sabiex jibghat ittra legali lis-Sur De Leonardo fejn:

a)Talbuh jieqaf u jiddezisti milli jkompli juza l-informazzjoni kunfidenzjali li kien akkwista minghand Sara Grech Limited fi zmien li kien marbut kuntrattwalment maghhom.

b)talbuh jieqaf jaghmel tabirruhu li hu rapprezentant tal-istess Sara Grech Limited.

c)wissewh li kienu ser izommuh resposabbli ghal kwalsiasi danni li setghet issofri Sara Grech Limited b'rizultat tal-agir tieghu; u

d)talbuh ukoll jirrifondi l-ammont ta' ghaxart elef u sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro u sitta u tletin centezmu (€10,629.36) - jigifieri dak l-ammont li thallas lilu izzejjed bhala akkont meta gie kkalkolat x'kien verament dovut lilu a bazi tal-kummissjoni tas-*Sub Agents* li jiffurmaw parti mit-*team* tieghu.

Inkwantu d-danni, Sara Grech Limited talbet lill-avukati taghha jirriservaw li tippromwovi kawza ghall-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta'danni fis-sede opportuna.

Ta' min jghid li sa minn dakinhar l-ammont dovut mis-Sur De Leonardo lil Sara Grech Limited zdied ghal ghaxart elef u tmien mija

u sebgha u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€10,837.99) minhabba li xi kuntratti li kienu ser jigu ffirmati ma sehhewx u ghaldaqstant il-kummissjoni dovuta ma thallsitx lil Sara Grech Limited. Dan ifisser ukoll li hem mil-possibilita' illi l-ammont dovut mis-Sur De Leonardo jerga' jizdied aktar minn hekk fl-eventwalita' li aktar kuntratti li kellhom jigu konkluzi fi zmien li gej ma jigux iffirmati.

Ghamlet referenza ghall-folja annessa ma' dan l-affidavit u mmarkata bhala "Dok SG02" li turi l-mod kif tigi kkalkulata r-renumerazzjoni dovuta lis-Sur De Leonardo fil-kariga tieghu ta' *Team Leader*. Din turi bic-car kif kien gie kkalkolat l-ammont imhallas zejjed jew anqas wara li jsir il-kalkolu tal-kummissjonijiet fuq il-kirjiet u bejgh konkluzi wara l-intervent tas- *Sub Agents* formanti t-*Team Leader*. Il-folja annessa turi bic-car l-ammont li ghandu jintradd lura u li kien thallas akkont ta' kumpens li ghalih seta' kien ikun intitolat s-Sur De Leonardo li kieku ma qabadx u ttermina l-arrangamenti kuntrattwali.

Ghamlet riferenza ukoll ghad-dokument anessa ma' dan l-affidavit u mmarkata bhala "Dok SG03" li jelenka l-kuntratti kollha li gew konkluzi wara l-intervent tas-*Sub Agents* formanti t-team tat-*Team Leader*. Huwa abbazi ta' dawn il-kuntratti li kien isir il-kalkolu li wassal ghall-ammont dovut bhala kummissjonijiet.

Is-Sur De Leonardo baqa' inadempjenti u, permezz tar-rapprezentant legali tieghu, cahad li kien hemm xi ammonti dovuti minnu. Ghaldaqstant, tat istruzzjonijiet sabiex l-avukat Dottor David Zahra jirrispondi b'ittra legali ohra fejn Sara Grech Limited insistiet dwar it-talbiet taghhom.

Fin-nuqqas ta' rispons ulterjuri u fl-inadepjenza tas-Sur De Leonardo fl-obbligu tieghu li jhallas lura l-ammont imhallas akkont hi tat-struzzjonijiet lill-avukati ta' Sara Grech Limited sabiex tipprocedi b'mod gudizzjarju.

Ikkonfermat illi l-ammont dovut mis-Sur De Leonardo lis-Socjeta' Sara Grech Limited huwa ta' ghaxart elef u tmien mija u sebgha u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu. (€10,837.99).

Inoltre, ikkonfermat illi dan l-ammont ghadu dovut u l-ebda parti minnu ma thallset mis-Sur De Leonardo. Xtaqet izzid wkoll li kien hemm mumenti fejn is-Sur De Leonardo apparti milli rrikkonnoxxa l-fatt li hemm ammonti dovuti lil Sara Grech Limited, weghda li ser ihallas l-ammont lura, anke bin-nifs, ghaliex kien ser jimpjega ruhu x'imkien. Jidher li dan ma kien veru xejn ghaliex irrealizzaw li sa gimgha wara li ttermina l-arrangament li kellu ma' Sara Grech Limited, huwa mar jahdem bhala sensar ma' agenti ohrajn tal-proprjeta' bid-dhul tieghu hemmhekk jkun ukoll a bazi ta' kummissjonijiet.

Lanqas ma rrizulta illi hemm xi ammonti illi s-socjeta' Sara Grech Limited taf lis-Sur Kevin De Leonardo.

**Sara Grech** xehdet in kontro ezami fit-8 ta' Frar, 2016. Din qalet illi meta telaq jahdem minn maghhom, il-konvenut l-ahhar grad tieghu kien ta' *team leader*. Spjegat li dan qatt ma kellu paga maghhom, izda kellu *commissions* kif ukoll *commissions* akkont tal-membri tat-tim tieghu. Spjegat li effettivament il-konvenut kien *self employed* u

ghalhekk ma kienx registrat taht is-socjeta' taghha mal-ETC. Qalet ukoll li bhala *team leader* huwa kellu tim ta' nies u t-tim tieghu jkollhom bejgh ta' proprjeta'. Huwa mbaghad jiehu parti mill-*commissions* tan-nies li jbieghu fit-tim tieghu u ghalhekk bhala *team leader* ikollu s-*sales* kull xahar. Ziedet li naturalment imbaghad jghinuhom jibdew bhala *team leaders*. Qalet li l-konvenut kien ilu jahdem ghal hdax-il sena f'dan it-tip ta' xoghol. Is-socjeta' taghti lit-*team leaders* li jkunu ghadhom jibdew ammont ta' flus fix-xahar u l-flejjes jinghataw *up front* akkont u dan peress illi effettivament il-kummissjonijiet ma jkunux ghadhom migbura izda jkunu ghadhom dovuti u ghalhekk il-flus li huma johorgu jkunu akkont *a priori* qabel ma effettivament isir bejgh finali. Spjegat ukoll li huma jaghtu somma fissa *up front* fil-bidu ta' kull xahar mhux skont kemm il-kuntratt se jigi finalizzat. Fl-ahhar tax-xahar imbaghad jaraw jekk effettivament ikunx intitolat ghal aktar, jekk huwa jkun biegh jew kera f'ammont li jkun dovut aktar minn dak li tawh, ihallsuh il-bilanc, izda jekk effettivament ikun biegh jew kera inqas huma dak l-ammont, inaqqsuh mix-xahar ta' wara.

Qalet li l-konvenut hadem bhala *team leader* maghhom minn Awwissu 2013 sa Gunju 2014. Mistoqsija jekk kinitx qed issejjes l-argument taghha abbazi tal-iskrittura li tinsab inserita fl-atti a fol 3, wiegbet fin-negattiv, u ziedet li dan huwa *sub-agent contract*. Ziedet tghid li bhala *team leader* huwa ma kien iffirma l-ebda kuntratt, izda kien ftehim verbali. Ghalhekk, qalet, bejn Awwissu 2013 u Gunju 2014 il-konvenut kien ircieva l-pagament tieghu skond il-ftehim, kif ghadha kif spjegat.

Rat l-affidavit ta' **Marianne Grima** fejn qalet li hija tokkupa l-kariga' ta' Group Administrator tas-socjeta' Sara Grech Limited li topera taht l-isem ta' Engel & Volkers Sara Grech.

Sara Grech Limited hija wahda mill-agenziji immobilarji ewlenin f'Malta. Ghandha numru kbir ta' agenti immobilarji li jirraprezentawha u li huma ngaggati maghha, kif inhi l-konswetudini f'dan is-settur, bhala liberi professjonisti permezz ta' kuntratti msejha Sub Agency Agreements li permezz taghhom jipprestaw lil Sara Grech Limited numru ta' servizzi nkluz dak li jissollecitaw u jintroducu lil Sara Grech Limited. Persuni nteressati li juzaw servizzi ta' senserija tal-istess Sara Grech.

Parti sostanzjali minn xogholha fi hdan Sara Grech Limited huwa li tikkordina dawn id-diversi *SubAgents u* it-*Team Leaders* taghhom u illi zzomm kont tal-konvenji, kuntratti u atti pubblici li jigu ffirmati mill-klijent taghhom rizultat tas-senserija taghhom.

Tipikament, meta s-*Sub Agent* jigi infurmat mill-klijent tieghu illi waslu biex ibighu, jixtru jew jikru xi propjeta' li hija elenkata fuq id-database ta' proprjetajiet ta' Engel & Volkers Sara Grech irrizultat tas-senserija taghhom, is-Sub Agent minnufih jinforma lilha bi ftehim u d-data maqbula ghall-firma tal-konvenju jew kuntratt finali. Hija mbghad tattendi ghall-firma tal-kuntratti rispettivi. B'hekk tiehu nota ta' liema kuntratti gew finalment konkluzi b'rizultat tax-xoghol tas-*Sub Agent* ikkoncernat.

L-informazzjoni mbaghad titnizzel fil-folja tal-*Microsoft excel* li tintbaghat lid-ditta ta' l-*accountancy* u revizuri, Vincent Curmi &

Associates, li jikkalkolaw ir-renumerazzjoni dovuta lis-Sub Agents u lit-*Team Leaders* (u karigi ohrajn naturalment) skond arrangamenti milhuqa bejn Sara Grech Limited u s-*Sub Agents* rispettivi.

Is-Sur Kevin De Leonardo hu wiehed mis-Sub Agents li mieghu Sara Grech Limited kellha arrangement kif spjegat aktar ‘il fuq. Jidhrilha li s-Sur De Leonardo ppresta s-servizzi tieghu lil Sara Grech Limited ghal numru ta’ snin.

Is-Sub Agents tipikament ma kienx ikollhom arrangement formali bil-miktub izda fis-sena 2012, wara ri-organizzazjoni ta’ l-amministrazzjoni interna tal-kumpanija, is-Sub Agents intalbu jiffirmaw kuntratti bil-miktub. Ghaldaqstant is-Sur De Leonardo iffirma l-iskrittura privata (Sub-Agency Agreement) annessa ma’ dan l-affidavit u mmarkata bhala “Dok MG 01” datata s-sitta (6) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Skond din l-iskrittura privata, is-Sur De Leonardu, in konsiderazzjoni tas-servizzi li kien jippresta lil Sara Grech Limited, kien intitolat ghall-kummissjoni kkalkolatata bhala percentwal tal-kummissjoni netta li kienet tircievi Sara Grech Limited fuq l-esekuzzjoni ta’ mandati ta’ klijenti li jkun introduca s-Sur De Leonardo lil Sara Grech Limited, hekk kif spjegat fi klawzola hamsa punt wiehed (5.1) ta’ l-istess Sub Agency Agreement.

Jidirilha li dan l-arrangament baqa’ fis-sehh sal-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju 2013. Dan ghaliex b’effett mill-ewwel (1) ta’ Awwissu 2013, is-Sur De Leonardo dahal f’arrangament differenti ma’ Sara

Grech Limited. Minn dakinhar is-Sur De Leonardo beda jokkupa l-kariga u responsabilitajiet ta' Team Leader (minflok Sub Agent).

Il-posizzjoni ta' Team Leader fi hdan l-istruttura ta' Engel & Volkers Sara Grech hija ta' persuna li tmexxi, tidderiegi u tkun responsabbli minn team ta' Sub Agents. Bla dubju ta' xejn hija kariga ferm aktar prestiggjuza u ta' responsabilita' minn dik ta' Sub Agent.

B'rizultat ta' dan it-tibdil, il-mod ta' kif is-Sur De Leonardo kien jigi renumerat inbidel ukoll.

Hekk kif tixhed il-kopja tal-folja tal-Microsoft Excel annessa ma' dan l-affidavit u mmarkata bhala "Dok MG 02", is-Sur De Leonardo kien intitolat ghal percentwal tal-kummissjonijiet li kienu intitolati ghalihom is-Sub Agents li kienu jiffurmaw parti mit-team tieghu bil-hlas jigi affettwat galadarba jigi ffirmat il-kuntratt rispettiv u tithallas il-kummissjoni dovuta Sara Grech Limited.

Izda, ghal ragunijiet ovvji ta' *cash flow* u likwidita' (inkella t-Team Leader jispicca jircievi pagamenti rregolari), Sara Grech Limited kienet thallas **bhala akkont**, l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000) fix-xahar. Kontinwament kien isir ezercizzju sabiex tigi kkalkolata l-kommissjoni verament dovuta lilu skond il-kummissjonijiet fuq konvenji u kuntratti li jkunu gew konkluzi bil-hsieb illi jekk l-ammont dovut jeccedi l-ammont imhallas bhala akkont, Sara Grech Limited thallas id-differenza lis-Sur De Leonardo, bl-istess ragunament u vici versa, il-ftehim kien illi jekk l-ammont imhallas bhala akkont jeccedi l-ammont verament dovut lilu, is-Sur De Leonardo jirrifondi d-differenza.

Qalet li ghall-habta ta' Marzu 2014, rceviet struzzjonijiet mic-Chief Executive Officer ta' Sara Grech Limited illi minhabba fil-varjanza kbira bejn l-akkont mensili u dak verament dovut skond il-kalkoli tas-socjeta', bl-ammont dovut lis-socjeta' kien qed jikber b'mod insostennibbli, is-somma tal-akkont mensili kienet ser titnaqqas ghal elf u hames mitt Ewro (€1,500.00) fix-xahar.

L-affarijiet baqghu mexjin harir sa dakinhar illi c-Chief Executive Officer ta' Sara Grech Limited, Sara Grech, informatha illi s-Sur De Leonardo kien ittermina hesrem l-arrangament tieghu maghhom. Tikkonferma illi, hekk kif jixhed "Dok MG 02", sa dakinhar li avza lis-socjeta' Sara Grech Limited illi huwa kien ittermina l-arrangament tieghu mal-istess socjeta', l-ammont dovut mis-Sur De Leonardo lis-socjeta' Sara Grech Limited huwa ta' ghaxart elef u elef tmien mija u sebgha u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€10,837.99).

Inoltre, ikkonfermat li dan l-ammont ghadu dovut u l-ebda parti minnu ma thallset mis-Sur De Leonardo. Lanqas ma jirrizulta illi hemm xi ammonti illi s-socjeta' Sara Grech Limited taf lis-Sur Kevin De Leonardo.

Rat l-affidavit ta' **Vincent Curmi** fejn ikkonferma li kien socju fundatur ta' VCA Certified Public Accountants, ditta ewlenija ta' *accountants* u revizuri f'Malta, u li tramite l-kumpanija taghha CAF Services Ltd, li jipprovdu diversi servizzi.

Is-socjeta' Sara Grech Limited hija wahda mill-klijenti taghhom. Fost hafna servizzi ohra, huma nkarigati minn Sara Grech Limited sabiex ifornuha b'servizzi ta' *book keeping* generali; dan jinkludi l-kalkoli, a bazi ta' l-informazzjoni li tipprepara s-socjeta' partikolarment il-*Group Administator* Marianne Grima tar-renumerazzjoni dovuta lil dawk is-*Sub Agents, Team Leaders* u persuni ohra li jikkolaboraw mas-Socjeta' Sara' Grech Limited. Dawn il-kalkoli isiru fuq bazi regolari (generalment mensilment) a bazi ta' l-arrangementi li tkun lahqet mal-persuna koncernata Sara Grech Limited.

Tipikament, Marianne Grima tipprovdi b'lista ta' kuntratti li jkunu gew konkluzi f'xahar partikolari, u bl-isem tas-*Sub-Agent* koncernat li jkun, fil-hidma tieghu ma' Sara Grech Limited, ressaq il-partijiet sal-firma tal-istess kuntratt. Jigu mbghad ikkalkolati l-kummissjonijiet rispettivi.

Skond istruzzjonijiet li rcevew minn Sara Grech Limited:

a) Ir-renumerazzjoni ta' *Team Leader* tikkonsisti f'percentwal tal-kummissjonijiet li huma ntitolati ghalihom is-*Sub-Agents* li jiffurmaw parti mit-Team ta'dak it-Team Leader.

b) Team Leader jircievi mis-Socjeta' Sara Grech Limited, bhala akkont, ammont fiss fix-xahar.

c) Fl-ahhar ta' kull xahar isir ezercizzju biex tigi kkalkolata l-kummissjoni dovuta lit-Team Leader abbazi ta' dawk il-kuntratti u atti pubblici li jkunu gew konkluzi f'dak ix-xahar

partikolari. Hekk, jekk l-ammont dovut jeccedi l-ammont imhallas lit-*Team Leader*, is-Socjeta' Sara Grech Limited hija obbligata li thallas id-differenza ; u vici versa, jekk l-ammont imhallas jeccedi l-ammont dovut, it-Team Leader ikun obbligat illi jirrifondi d-differenza.

Galadarba jigu kkalkolati l-ammonti dovuti, jikkomunikaw dawn l-ammonti lil Sara Grech Limited. Naturalment il-*book keeping* li jaghmlu jfisser il-kumpanija tkun taf id-depozitni u l-pagamenti li saru mill-kontijiet tas-socjeta'.

Ikkonferma li gew nfurmati minn Sara Grech Limited, li s-Sur De Leonardo ttermina l-arrangament li kellu ma' Sara Grech Limited nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 2014.

Ikkonferma illi ma jirrizultax mill-kotba ta' Sara Grech Limited li saret l-ebda transazzjoni jew pagamenti minn dakinhar 'l hawn bejn Sara Grech Limited u s-Sur De Leonardo.

Illi nhar it-8 ta' Jannar 2016 xehed **Kevin De Leonardo** u ipprezenta l-affidavit tieghu li gie immarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH u ghadda kopja tal-istess lill-kontroparti.

Fl-affidavit tieghu jispjega illi:

- Huwa beda jahdem mas-Sara Grech Ltd f'Novembru tas-sena 2002 bhala Estate Agent sa Awwissu tas-sena 2013.

- Minn Awwissu tas-sena 2013 beda jahdem mal-istess kumpanija b'isem differenti ta' Engel & Voelkers Sara Grech, bhala Team Leader.
- Sara Grech is-CEO tal-kumpanija taghha stess flimkien mat-tifel taghha Benjamin Tabone Grech li huwa s-COO tal-istess kumpanija, offrewlu verbalment is-somma ta' €3,500 fix-xahar bil-VAT mhux bhala akkont imma bhala paga biex ikun jista' jmexxi lit-team tieghu fix-xoghol taghhom. Bhala Team Leader hu ma setax ibiegh jew jikri proprjeta' allura dak kien l-uniku *income* li kellu.
- Kieku kif qalet Sara Grech avzatu li kienet se thallsu bhala akkont hu ma kienx jaccetta sa mill-bidu nett u kien jibqa' fil-posizzjoni ta' Sub Agent. Bhala Estate Agent kellu esperjenza ta' 11-il sena u dejjem hadem u qala' ammonti tajba ta' flus, jigifieri ma kellux bzonn il-kariga ta' Team Leader biex ikun ahjar finanzjarjament. Hu accetta l-posizzjoni ta' Team Leader ghax emmen li bl-esperjenza li ghandu jkun jista' jghin lill-kumpanija u lil shabu l-ohra tat-team tieghu biex jimxu 'l quddiem. Apparti minhekk hu hass ukoll li jtejjeb il-kariga li kellu, pero' mhux finanzjarjament ghax kif spjega qabel bhala dhul bhala Sub Agent kien ahjar milli offrietlu l-kumpanija.
- Seba' xhur wara Sara Grech u Benjamin Tabone Grech iddecidew li jnaqqsulu l-ammont ta' paga bin-nofs jigifieri minn €3,500 fix-xahar ghal €1,500 bil-VAT minghajr ebda pre avviz. Sempliciment qalulu f'*meeting* dakinhar stess. Meta staqsa ghalxiex naqqsulu dak l-ammont konsiderevoli, qalulu li minhabba l-*costs* tal-kumpanija. Hu ovvjament qalilhom illi ma kienx jaqbillu jibqa' fil-posizzjoni ta' Team Leader b'responsabilta' kbira u hinijiet twal,

imma b'xi mod ipperswadewh biex jibqa' fl-istess kariga. Dam bl-€1,500 ghal erba' xhur u minkejja li pprova jkellimhom kemm-il darba huma baqghu bl-istess fehma. Hu hass illi ghamlulu hekk biex jirrizenja mill-kariga ta' Team Leader apparti li kif spjega aktar kmieni li ma kienx jaqbillu finanzjarjament.

- Fit-3 ta' Lulju hu rrezenja mill-kariga ta' Team Leader u anke mill-kumpanija, f'*meeting* qasir li sar dakinhar stess bejnu, Sara Grech u Benjamin Tabone Grech. Ma kien hemm l-ebda reazzjoni ta' dispjacir anzi kienu qishom qed jistennew dik il-gurnata. Minbarra hekk ma tkellmux fuq dik is-somma li allegatament Sara Grech qalet li ghandu jaghti lill-kumpanija, u mhux veru li hu qalilha li se jtihomlha bin-nifs.

- Qal ukoll li qatt ma ffirma kuntratt iehor separat ghax-xoghol ta' Team Leader li kien beda mill-ewwel ta' Awwissu, ghalkemm gieli staqsa ghalih, izda dejjem qalulu li ghadhom qed jahdmu fuqu. Ghalhekk hu ma jistax jifhem kif Sara Grech harget b'dawn il-pretenzjonijiet kollha minghajr l-ebda kuntratti ffirmati miz-zewg nahat. Pjuttost hu kien dghajjef u qaghad ghall-proceduri kollha li kienu implimentati minghandhom stess minghajr ebda kuntratti u dana kollu ghax fdahom b'ghajnejh maghluqa. Semma wkoll is-sieghat twal ta' xoghol aktar min-normal li hu qatt ma thallas extra ghalihom.

- Sostna illi malli saru jafu li hu mar ma' kumpanija ohra tal-istess natura ta' xoghol riedu b'xi mod ipattuhielu

**Kevin De Leonardo** xehed fit-30 ta' Novembru, 2016. Gie muri dokument SG01 esebit f'dawn l-atti u qal li effettivament dana ma kienx il-kuntratt tieghu, ghalkemm hemm firma qisha bhal tieghu fuq dan id-dokument. Spjega li effettivament bdew bhala Engel and Volkers qabel 2013. Qal li hu ffirma kuntratt wiehed biss mal-agent Sara Grech u ma jiftakarx li effettivament kien fl-2013. Sostna li waqt li kien jahdem ma' Sara Grech ma kellux impjieg iehor. Zied jghid li bhala *team leader* hu qatt ma ffirma kuntratti u inoltre jghid li l-unika kuntratt li kien hemm jista' jkun dan li gie muri lilu. Ikkonferma li hu qatt ma ha passi sabiex jattakka l-kuntratt li kien iffirma ma' Sara Grech. Qal li bhala agent jithallas *on commission basis*, pero' bhala *team leader* kien offrut tlett elef u hames mija (€3,500) fix-xahar inkluz VAT u hu jtiha ricevuta, izda wara ftit zmien naqqsithielu ghal elf u hames mija (€1,500) fix-xahar u qaltlu li dan sar minhabba l-*cost* ghax ma kellhiex flus. Imbaghd hu kien johrog *a fiscal invoice* u ghalhekk kellu VAT number. Pero' Sara Grech ma kienitx tghidlu li huwa *self employed* izda xorta kien johrog *invoice* minn tieghu. Sostna li jista' jesebixxi l-*bank statements* tieghu fejn jidher li effettivament kien thallas 35 darba, liema hlasijiet kien iddepozita fil-kont.

**Kevin De Leonardo** rega' xehed fil-25 ta' Jannar, 2017 fejn bhalma kien obbliga ruhu li jaghmel fis-seduta precedenti tat-30 ta' Novembru 2016, esebixxa *bank statement* fejn effettivament jindika l-hlasijiet li kien iddeposita fil-kont bankarju tieghu. Dawn id-dokumenti gew mmarkati bhala Dokument Z.

Illi fis-27 ta' April 2016 xehdet **Romina Veneziani** u spjegat li hija giet ingunta sabiex tixhed f'dawn il-proceduri permezz ta' tahrika

relattiva in konnessjoni ma' kuntratt li sar mis-socjeta' Sara Grech Limited u Kevin De Leonardo. Spjegat li hemm *legal notice* in konnessjoni ma' dan il-kaz in kwistjoni 452.108. Spjegat li effettivament hemm tmien kriterji enumerati taht l-Artiklu 3 ta' din is-*Subsidiary Legislation* li jekk hamsa minnhom jigu milquta, il-persuna titqies bhala impjegat u mhux bhala *self-employed* minkejja li fil-kuntratt taghha ha jkun hemm miktub li huwa *self-employed*. Ziedet pero' li jista' jintalab permess lid-direttur tax-xoghol sabiex tali persuna, cio' nonostante, xorta titqies bhala *self-employed*. Qalet li d-direttur tax-xoghol jinsab imsiefer u mistoqsija jekk saritx xi talba simili spjegat illi ma tafx. Giet infurmata li kien hemm xi korrispondenza li ghaddiet bejn Sara Grech Limited u Sandra Gatt li hija d-Direttur tax-Xoghlijiet, u ghalhekk qalet li jkun iktar opportun li tixhed hi flokha.

**Sandra Gatt** xehdet fid-19 ta' Ottubru, 2016 u spjegat li hija tokkupa l-kariga ta' Direttur ta' *Industrial and Employment relations*. Spjegat illi meta effettivament kien gie mghoddi lilhom is-sub agent agreement ezebit fl-atti mmarkat bhala Dokument A a fol 63 huma riedu jaraw jekk dana kienx kuntratt *of service* jew kuntratt *for service* u spjegat illi effettivament dan irrizultalhom li kien kuntratt ghal servizz u cioe' kuntratt ta' *self-employment*. Dana mhuwiex kuntratt ta' impjieg. Jekk persuna tkun impjegata ta' Sara Grech m'ghandux ikollha dan it-tip ta' kuntratt. Pero' f'dan il-kaz irrizulta li l-agent u s-*subagent* huma zewg partijiet separati. Mistoqsija x'taf dwar din l-ittra ezebita fl-atti a fol. 82 datata 19 ta' Settembru 2012 spjegat li din l-ittra harget mill-predecessur taghha Dr. Noel Vella fid-19 ta' Settembru 2012 u f'din l-ittra gie

kkonfermat li t-tnejn min-nies imsemmijin fil-kuntratt huma nies *self-employed*.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza u dana fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2017 fejn sahansittra talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jirrifondiha dik is-somma mitluba fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' €10,837.99 liema somma tirrapprezenta ammont ta' flus imhallsa mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' kuntratt ta' servizz li l-istess konvenut kellu maghha, liema kuntratt jinsab esebit fl-atti u markat bhala Dok A.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jeccepixxi li l-ammont mhux dovut peress illi huwa ma kiser l-ebda disposizjoni ta' l-ebda kuntratt ta' impieg kif kellu jipprova waqt is-smiegh tal-kawza. Il-konvenut jghid fix-xhieda tieghu li huwa ma ffirma l-ebda kuntratt mas-socjeta' attrici minkejja l-kuntratt esebit fl-atti a fol. 3 *et seq*. Jghid li l-firma fuq dan il-kuntratt mhix tieghu cio' nonostante meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk hax passi sabiex jikkontesta dan il-kuntratt jghid li ma ha l-ebda passi.

Illi ghalhekk ir-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti hija dik regolata mill-kuntratt esebit a fol 3 *et seq*.

Il-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f`kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor tal-partijiet.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 Citazzjoni Numru 1348/2000/TM) fil-kawza fl-ismijiet **Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe** fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

Il-principju *pacta sunt servanda* huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat. Ara wkoll **Beacon vs Spiteri Staines**, App 05/10/1998; **Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri et**, PA 30/05/2002; **Paul Camilleri et vs Joseph Glanville et**, PA 28/04/2003); **Mary Pace vs C. Fino & Sons Ltd**, App Inf 17/02/2003; **Tigne vs Borg**, App Inf 04/10/2011.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru 2004 inghad li:-

"*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom hu prezunt li qabel ma jiffirmaw dak il- ftehim qiesu c-cirkostanzi tal-kaz u ta' l-interesssi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt huwa dak il-*

*kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor anchorche bazat fuq ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal volonta tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftiehmu fuqu il-partijiet ghandu 'forza ta' ligi' ghalihom ....u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftiehmu bil-volonta taghha .*"

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Novembru 1983 **Albert Brincat et vs Ant. Saliba pro et noe** il-Qorti kienet qalet illi ma kienx permessibli li jingiebu xhieda orali biex tigi spjegata skrittura privata illi kienet cara u li ma kienet thalli l-ebda dubbju . Dana huwa konformi mat-taghlim fid-dritt Ruman li "*Quoties in verbis nulla est ambiguitas ibi nulla exposito verba fienda est.*"

Kif tajjeb osservat il-Prim' Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet **F. Advertising Limited (C27689) vs.Francis u Antonia konjugi Grixti** "*Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl-**artikolu 992 (1)**, illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda*", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" *unilaterali ta' xi parti.*"

Illi ghalhekk in vista tal-insenjamenti imsemmija aktar 'il fuq jinghad li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti hija dik li tirrizulta mill-kuntratt esebit fl-atti.

Is-socjeta' attrici ressqet lil Sarah Tabone Grech tixhed u tispjega x'tip ta' xoghol kien jaghmel il-konvenut. Spjegat illi l-istruttura

tas-socjeta' attrici hija mibnija billi ghandha ghad-disposizjoni taghha agenti li huma kuntratturi independenti li jidhlu f'arrangamenti mas-socjeta' attrici bhala *self employed*. In segwitu' tghid li dawn is-*sub-agents* huma migbura f' teams differenti taht id-direzzjoni u responsabilita' ta' Team Leaders. Issa Team Leader kif del resto kien il-konvenut, u dan mhux kontestat, huwa intitolat ghal percentwal tal-kummissjonijiet li huma intitolati ghalihom is-sub-agenti li jifformaw parti mit-team ta' dak it-Team Leader, bil-hlas jigi effettwat galadarba jigi iffirmat il-kuntratt rispettiv u tithallas il-kumissjoni dovuta lil Sara Grech Limited. Spjegat ulterjorment illi minhabba ragunijiet ta' *cash flow* it-Team Leader jircievi mis-socjeta' attrici bhala akkont ammont dovut lilu a bazi ta' dawk il-kuntratti u atti pubblici li jkunu gew konkluzi. Issa meta effettivament it-Team Leader ikun intitolat ghal aktar minn dak l-ammont li jkun inghata lilu akkont, is-socjeta' attrici tohrog id-differenza u jekk in effetti it-Team Leader, f'dan il-kaz il-konvenut, ma jkunx intitolat ghas-somma li jkun inghata bhala akkont mis-socjeta' attrici, allura jkollu johrog id-differenza hu u jkun obbligat jirrifondi d-differenza.

Skond il-kuntratt, appuntu klawsola numru 5.5 hemm imnizzel li *'upon termination of this Agreement, the parties shall in good faith seek to establish by mutual agreement a final list of transactions that meet the criteria listed in this clause 5 which entitle the sub agent to receive any commission after such termination'*.

Illi ghalhekk *a contrario inverso* dan ifisser li jekk l-agent, f'dan il-kaz il-konvenut, ikun ircieva xi hlasijiet zejda fuq xi transazzjonijiet li sehhew, dan ghandu jirrifondi l-istess lis-socjeta' attrici.

Jinghad, kif spjegat Sarah Tabone Grech, li dan kien il-ftehim li kien hemm bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut u li kien ilu ghaddej sa mill-1 ta' Awwissu 2013 meta l-konvenut iffirma id-dokument A esebit fl-atti u baqa' sejjer sal-4 ta' Lulju 2014 meta l-konvenut qabad u ddecieda li jieqaf minn dan l-impjieg hesrem. Jirrizulta wkoll li fil-fatt sa minn Marzu 2014 sakemm ittermina l-impjieg tieghu il-konvenut, kien beda jircievi mensilment somma inqas u cioe' dik ta' elf u hames mitt Ewro mensilment (€1,500) u dan ghaliex kien irrizulta lis-socjeta' attrici li in effetti dak li kien verament dovut lis-socjeta' attrici minghand il-konvenut skond il-kalkoli taghhom tant kien kbir li l-konvenut kien ser jispicca f'diffikolta' li jirritorna somma ta' flus lis-socjeta' attrici meta l-ammonti jigu impacija. Jidher li l-konvenut kien accetta dan il-ftehim tant li accetta din il-modalita' ta hlas ghal tliet xhur konsekuttivi.

Illi is-socjeta' attrici esebiet flimkien mal-affidavit ta' Sarah Grech, dokument li gie mmarkat bhala Dok SG02 li huwa statement ghall-perijodu tal-1 ta' Awwissu 2013 sat-30 ta' Gunju 2014 dwar hlasijiet li kellhom isiru lill-konvenut bhala kommissjoni u dawn ammontaw ghas-somma ta' ghaxart elef tmien mija u sebgha u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€10,837.99). Illi dan id-dokuemnt ma giex kontestat fis-sens li fl-ebda hin ma l-konvenut ressaq xi prova kuntrarja sabiex jikkonferma li l-hlasijiet hemm ismemmija kellhom ikunu differenti.

Illi l-konvenut ipprova jikkontesta il-kuntratt esebit fis-sens li jghid u jallega li dan kien kontra l-ligi fis-sens li kien kuntratt ta' self

employed meta fil-fehma tieghu hu kien 'employed'. Illi f'dawn il-proceduri xehdet ukoll id-Direttur tat-Tahrig u Xoghlijiet Sandra Gatt u kkonfermat li l-kuntratt li kellu l-konvenut kien wiehed ta' self employed tant li anke sahansitra kellu VAT number. Il-konvenut stess fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Novembru 2016 jikkonferma li kien jircievi hlas minghand is-socjeta' attrici u kien jirrilaxxja VAT receipt ghal tali hlas. Cio' nonostante jghid li ma kienx jaf li hu kien self employed minkejja li kien johrog invoice ghas-servizz li kien jaghti. Illi permezz tal-bank statement tieghu esebit a fol. 94 et seq Dok. Z jirrizulta li l-pagamenti li kien jircievi l-konvenut minghand is-socjeta' attrici kienu prorpju dawk kif deskritti minn Sarah Tabone Grech fix-xhieda taghha u cioe' jew is-somma ta' tlett elef Ewro €3,000) oltre VAT ta' 18% li jammonta ghal €3540 jew is-somma ta' elf u hames mitt Ewro oltre l-VAT u ghalhekk €1770. Dan jikkonferma il-modalita' tal-pagament li kien jircievi.

*'Jinghad li l-partijiet kienu marbuta b'kuntratt u ghalhekk Il-principju contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur jibqa' isehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. Fdawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il gustizzja u l-ekwita ghandhom ikunu supremi.* ***(Appell 15.12.1947 Mercieca vs Pace Vol XX111 .1.pagna 603).***

Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal- Kap.16** li jaqra hekk –"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-*

*konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.*( ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. -25 ta' Gunju 1996).

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talba attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, tmien mija u sebgha u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€10,837.99).**

**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri legali tal-24 ta' Lulju, 2014 u 27 ta' Awwissu, 2014 kontra l-konvenut.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**